# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

*Nru. 2* — *SETTEMBRU - OTTUBRU 1981*


## EDITORJAL

**INXAMMRU U MMIDDU GĦONQNA GĦAX-XOGĦOL**

Kull mibdi mitmum! Is-sajf li tant stennejna b'ħerqa ġie u għoddu spiċċa. Il-vaganzi ntemmew u n-nies kollha li ħarġet minn darha biex tqatta' l-jiem tas-sajf ħdejn il-baħar, issa tinsab mill-ġdid ġo darha fil-belt.

Minn issa, l-ħajja tal-Parroċċa tagħna terga' taqbad ir-ritmu ta' qabel is-sajf. Quddies, funzjonijiet, laqgħat. L-Arċipriet flimkien mal-Kunsill parrokkjali qiegħed iħejji programm mill-iżjed interessanti li jaħseb fil-kategoriji kollha tal-komunità Parokkjali.

Biss x'jiswa l-programm? X'jiswa li jiġu organizzati laqgħat immexxija minn nies esperti, jekk imbagħad l-attendenza għal dawn il-laqgħat tkun fqira u li taqta' il-qalb ta' min jorganiżża. Aħna nippretendu li l-Komunità Parrokkjali tagħna, kbira fin-numru tagħha, għandha tagħmel dak kollu possibbli biex laqgħat bħal dawn tattendi għalihom bi ħġara.

Tajjeb li nsemmgħu ukoll is-sehem li għandna nieħdu fil-quddies kif ukoll fil-funzjonijiet kollha liturġiċi li jsiru fil-Bażilika tagħna. Mhux biżżejjed li nattendu. Il-presenza tagħna hija meħtieġa, kollox sew, iżda huwa meħtieġ ukoll is-sehem attiv tal-kongregazzjoni. Dan jista' jsir bil-kant, billi nagħmluha ta' letturi, u billi ngħinu biex f'kull okkażżjoni tinżamm l-ordni.

Bħala membri ħajjin tal-parroċċa tagħna għandna naraw li t-tfal tal-parroċċa jattendu l-klassijiet-tad-duttrina fid-diversi ċentri li għandha l-parroċċa; kif ukoll jeħtieġ li nkunu dejjem attenti ħalli nkunu nafu x'inhuma l-ħtiġijiet tal-morda u tax-xjuħ tal-parroċċa tagħna, biex flimkien mal-Kumitat tal-Promozzjoni Umana nkunu nistgħu ngħinuhom.

B'hekk inkunu aħna ukoll xammarna l-kmiem u middejna għanqna għax-xogħol li kull nisrani għandu jwettaq fi ħdan il-parroċċa tiegħu.



## IL-KONSAGRAZZJONI TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Waħda mill-festi ewlenin ta' kull knisja hija t-tifkira solenni ta' meta ġiet ikkonsagrata. Qabel ma ngħaddu biex ngħidu l-ġrajja fil-qosor tal-Konsagrazzjoni tal-Bażilika tagħna naħseb li jkun jixraq naraw f'ħakka t'għajn kif beda r-Rit tal-Konsagrazzjoni tal-knisja fil-qedem.

Dwar il-konsagrazjoni tal-knisja l-ewwel li nisimgħu kien taħt l-Imperatur Kostantinu fl-okkażżjoni tad-dedikazjoni tal-Katidral ta' Tiro fis-sena 314. (*Ara: Euseb. Hist. Eccl. 3, 3*). L-espressjoni "Konsagrazjoni tal-Knisja' tista' tasal sa nofs is-seklu tlieta, fi żmien li kiber il-kult lejn il-martri. Dwar ir-rit tal-Konsagrazjoni jitħadded l-ewwel il-Papa Vigilio (*miet fil-555*) fil-qosor fl-ittra li kiteb lill-Profuturo ta' Braga. Minn din il-kitba nafu li l-Konsagrazjoni kienet tikkonsisti sempliċiment fis-Sagrifiċċju tal-quddiesa;

f'kas li l-knisja tiġi meqjuma lill-Qaddis kienu jpoġġu relikwija tal-Qaddisin. Il-Papa qabel xejn kien jaf bit-tberik tal-knisja bl-ilma mbierek, imma mhux b'ċerimonja obbligatorja. Maż-żmien daħlet id-drawwa regolari li l-knisja tiġi dedikata lil xi qaddis.

L-għan tal-konsagrazjoni tal-knisja huwa biex minn post profan isir imkien qaddis fejn jgħix Alla. L-isqof biss jista' jwettaq ir-rit tal-konsagrazjoni solenni (*Ara: Kanoni 1155*) ta' Knisja (*Ara: Liturgia Romana ta' Eisenhofer Lechner pp. 348, 349*).

Ta' kull sena nhar il-21 ta' Settembru l-Bażilka tagħna tfakkar il-jum ħieni ta' meta ġiet solennement ikkonsagrata. It-tempju Gjorgjan tagħna kien inbena mill-ġdid (fuq knejjes oħra qodma) fis-snin 1672-1678. L-arkitett tiegħu huwa l-famuż Victor Cassar iben Ġlormu. Hija l-ewwel knisja f'Għawdex mibnija f'għamla ta' Salib Latin. Kienet inbniet fi żmien il-Kappillan ta' San Ġorġ Dun Anġlu Bonnici. F'dan il-bini għen il-poplu kollu t'Għawdex. L-Università (*il-Gvern ta' dak iż-żmien*) u l-Gvernatur ta' Għawdex Franġisku de Cordova. Ta' min ikun jaf li wara li nbena dan il-Maqdes kien dam mhux ikkonsagrat għal 77 sena. Dan il-Maqdes imponenti dedikat lill-Gwerrier Rebbieħ San Ġorġ tal-Kappadoċja kien ġie kkonsagrat solennement mill-Isqof ta' Malta u Għawdex, Fra Pawlu Alpheran De Bussan fil-21 ta' Settembru, 1755. Huwa t-tielet Knisja Parrokkjali kkonsagrata f'Għawdex.

Mis-sena 1976, l-Isqof t'Għawdex Mons. Nikol G. Cauchi beda jmexxi Konċelebrazjoni Pontifikali Solenni bl-omelija nhar l-21 ta' Settembru, il-jum għażiż tal-Konsagrazjoni. Il-funzjonijiet ta' lejliet il-festa jmexxihom il-Kapitlu u l-Kleru ta' San Ġorġ.

***KAN. NIKOL VELLA APAP***

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377



***Il-Bord Editorjali ta' din ir-rivista jixtieq jingħaqad mal-parruċċani kollha biex jifraħ lil Mons Arċipriet Emanuel Mercieca li dan l-aħħar ġie mogħti l-ġieħ ta' Protonotario Apostolico. Fil-waqt li nifirħulu nixtiequlu 'ad altiora'.***

**MEJLAK JEWELLERY**
*24, Republic Street, Victoria. Tel: 551303*
***FOR GOLD, SILVER, WATCHES & GEMS AT THEIR REAL VALUE***
**AN OLD NAME IN THE TRADE**



# NILTAQGĦU NHAR

**SETTEMBRU:**

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ġimgħa** | 4 ta' Sett. | *L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Espożizzjoni Solenni.* |
| **Is-Sibt** | 5 ta' Sett. | *L-Ewwel Sibt tax-Xahar.* |
| **Il-Ħadd** | 6 ta' Sett. | *Anniversarju ta' l-għoti tal-Bażilika.* |
| **It-Tnejn** | 14 ta' Sett. | *Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib.* |
| **It-Tlieta.** | 15 ta' Sett. | *Festa ta' Maria Addolorata.* |
| **It-Tnejn** | **21 ta' Sett.** | ***Solennità tal-226 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Bażilika. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċ Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi.*** |
| **It-Tlieta** | 29 ta' Sett. | *Festa ta' San Mikiel Arkanġlu.* |

**OTTUBRU:**

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħamis** | 1 ta' Ott. | *Jibda ix-Xahar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju.* |
| **Il-Ġimgħa** | 2 ta' Ott. | *L-Ewwel Gimgħa tax-Xahar. Espożizzjoni Solenni.* |
| **Is-Sibt** | 3 ta' Ott. | *L-Ewwel Sibat tax-Xahar. Jum il-Katekiżmu; Funzjoni għall-Katekisti fil-Parroċċa.* |
| **It-Tnejn** | 5 ta' Ott. | *Jibda t-tagħlim tad-Duttrina għat-tfal. It-tagħlim tad-Duttrina jsir f'dawn iċ-Ċentri: Oratorju Don Bosco, Sorijiet Franġiskani, Sorijiet Sależjani, MUSEUM subien (8th. Dec. Str.), MUSEUM bniet (Palm Str.)* |
| **Il-Ħadd** | 11 ta' Ott. | *Festa tal-Madonna ta' Fatima* |
| **Il-Ħadd** | 18 ta' Ott. | *Jum il-Missjonijiet.* |





# GĦALIKOM TFAL

## MERĦBA BIKOM, TFAL!

X'hemm, tfal! Nagħtikom merħba f'isem ir-rivista ġdida li l-Parroċċa tagħna ħasbet biex toħroġ kull xahrejn. Forsi ħsibtu li nsejniekom billi fl-ewwel ħarġa ma kien hemm xejn għat-tfal. Le, ma nsejnikomx. L-ewwel ħarġa kienet waħda speċjali dwar il-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ Martri. Issa. minn dil-ħarġa 'l quddiem, se nibdew niddedikaw paġna minn din ir-rivista għalikom.

Jiena, mela, se nibda niltaqa' magħkom kull xahrejn permezz ta' din il-paġna. Nittamaw li tkunu tistennewha bil-ħerqa. Barra milli nwasslilkom messaġġ qasir u xi tagħlimiet oħra, se nagħmlilkom ukoll daqsxejn ta' kompetizzjoni li min jirbaħha ikollu rigal sabiħ bħala premju.

Qabel nagħlaq, hawn il-messaġġ qasir li wegħidtkom. Għadha kemm bdiet l-iskola. Qisu li lkoll kemm intom tagħmlu proponiment sod li dis-sena tmorru l-iskola ndaf, iġġibu ruħkom sewwa ta' tfal edukati u nsara li intom, l-aktar waqt il-lezzjonijiet, tobdu dejjem lit-*teachers* tagħkom, tgħinu lil sħabkom f'kollox, tistudjaw u tħabirku biex tmorru tajjeb fl-eżamijiet. B'hekk, tkunu taqdu dmirkom tajjeb u togħġbu mhux biss lill-ġenituri tagħkom, iżda wkoll lil Ġesù li tant iħobbkom.

Il-Bambin iberikkom.

**Tatà**
**IŻ-ŻIJU PEPPI**

### KOMPETIZZJONI

***Hawn taħt għandkom sitt ismijiet ta' bliet kapitali. Kif qegħdin taraw, huma mħawdin u x-xogħol tagħkom hu li tirranġawhom.***

***L-ismijiet huma dawn:***

***AOLRND, EAARMMDTS, IAONLSB, AARPG, IIAGPR, OENECHGPAN.***

***Ibgħat it-tweġiba tiegħek sa l-10 ta' Ottubru, 1981, lil "Il-Belt Victoria", Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex. Fuq l-envelope iktbu "Kompetizzjoni". Ir-rebbieħ jitla' bix-xorti fost dawk kollha li jġibu t-tweġiba tajba.***

***Nawguralkom!***


**A.F. ELLIS LTD.**
**4, Għajn Qatet Str., Victoria, Gozo.**
Marblers - Floor Tiles Manufacturers,
Suppliers of Domestic Appliances,
Bathroom Suites & All Building Materials.
*Tel: GOZO 556021, 556630 MALTA 42314.*

**FOR ALL SORTS OF SPIRTS SHOP AT**
**THE BOTTLE BANK**
*WINE AND SPIRITS CELLARS*
**24, MAIN SQUARE, VICTORIA, GOZO.**

JIKTBILNA
MGR. J. LUPI

# X'INHI U X'MA HIEX L-OMILIJA

Meta Ġesù, wara t-tiġrib fid-deżert, reġa lura fil-Galilija, mar Nażaret, fejn kien trabba, u f'jum is-Sibt daħal fis-sinagoga u qam biex jaqra. Tawh f'idejh il-ktieb tal-profeta Isaija, fetħu u beda jaqra dan il-kliem:

*"L-Ispsirtu tal-Mulej fuqi,*
*għax hu ikkonsagrani*

*biex inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin...."* Meta temm il-qari, Ġesù għalaq il-ktieb, tah lill-qaddej u beda jgħid: *"Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu".*

Dan il-kliem ta' Ġesù għandu jgħinna nifhmu sewwa x'inhi l-omilija. L-omilija tħabbrilna l-egħġubijiet li jagħmel magħna Dak li sejħilna middlamijiet tad-dnub għad-dawl tiegħu tal-għaġeb biex imxandruhom lid-dinja. L-egħġubijiet li Alla għamel għas-salvazzjoni tagħna nsibuhom fl-Iskrittura, u meta aħna ninġabru fil-knisja għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, fil-Liturġija tal-Kelma, bil-qari mill-Iskrittura, il-Knisja tkun tħabbrilna dak li Alla għamel magħna għas-salvazzjoni tagħna, tkun qed turina b'liema mod Alla wettaq il-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja wara li l-bniedem kien waqa' fid-dnub. Issa, meta l-Knisja bil-qari mill-Iskrittura tkun issemmagħlna l-ġrajjiet li bihom seħħet is-salvazzjoni tagħna, ma tkunx qiegħda biss tirrakkontalna ġrajja tal-imgħoddi. Hija u taqralna dawn il-ġrajjiet, il-Knisja trid li jerġgħu jseħħu aħna u qegħdin nisimgħuhom, kif seħħu kliem il-profeta Isaija waqt li Ġesù kien qiegħed jaqrahom fis-sinagoga ta' Nażaret.

B'liema mod se jseħħu dawn il-ġrajjiet tal-Iskrittura, aħna u qegħdin nisimgħuhom?

M'hux se jseħħu bl-istess mod kif ġraw mijiet ta' snin ilu, imma se jseħħu *f'misteru*, jiġifieri l-fatti ma jerġgħux jiġru kif ġraw dak iż-żmien, imma l-effett ta' dawk il-fatti jerġa' jseħħ fi qlub il-bnedmin li jisimgħuhom kif seħħ fi qlub il-bnedmin li kellhom sehem fihom f'dak iż-żmien. Fil-Magħmudija tagħna l-Knisja tħabbrilna li aħna mmutu ma Kristu u nindifnu miegħu, biex miegħu nqumu għall-ħajja ġdida. Kristu tassew kien imsallab u midfun u tassew qam mill-imwiet u hekk seħħet is-salvazzjoni tagħna; fil-Magħmudija aħna sseħibna mal-Mulej fil-mewt, fid-difna u fil-qawmien tiegħu mill-imwiet, iżda ma mitnix verament, ma ndfinninx u ma rxoxtajniex verament, iżda biss taħt ix-xbihat, *f'misteru*, u b'dan kollu, is-salvazzjoni ksibniha tassew.

Dana ma naslux biex nifhmuh malajr. L-omilija għalhekk trid tkun għalina biex nifhmu kif il-ġrajjiet ta' l-imgħoddi jerġgħu jseħħu fina *f'misteru*. Hija l-omilija li turina kif il-ġrajjiet li jitħibrulna fil-qari tal-Iskrittura jolqtuna aħna u nisimgħuhom, u tgħinna ngħixuhom mill-ġdid f'ruħna.

L-omilija għalhekk m'hijiex l-ispjegazzjoni tal-Evanġelju tal-ġurnata, ma għandhiex tkum limitata biss għall-Evanġelju, imma trid torbot flimkien il-qari kollu li jsir, u tqies ukoll it-talb kollu tal-Quddiesa tal-ġurnata u ċ-ċelebrazzjoni li tkun. Din ma għandhiex tkun ħaġa tqila għaliex hemm rabta sħiħa bejn il-qari kollu tal-Quddiesa: l-Evanġelju huwa l-qofol tal-qari, waqt li l-ewwel lezzjoni tgħidilna kif dak li hemm fl-Evanġelju tħabbar fi żmien il-Patt il-qadim, u t-tieni lezzjoni turina kif għexu l-Evanġelju l-insara ta' l-ewwel żmenijiet.

L-omilija n'hijiex lezzjoni ta' katekiżmu: ma tgħallimniex il-veritajiet tal-fidi, imma tissopponi li ġa nafuhom, hija u tfakkarna fihom, turina kif għandna ngħixuhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum u hekk isseħħ fina mill-ġdid il-ġrajja tas-salvazzjoni tagħna.

L-omilija m'hijiex paneġirku: infaħħru, iva 'l Alla għall-egħġubijiet li għamel mal-qaddisin tiegħu, imma l-omilija trid turina kif dawk l-egħġubijiet li seħħu fil-qaddisin, iseħħu fina wkoll aħna u qegħdin nisimgħu l-Kelma ta' Alla. L-istil tal-paneġirku ma jgħoddx għall-omilija, li għandha tkun diskors mhix fit-tul, bi kliem sempliċi li jifhmu kulħadd, biex turi 'l kulħadd 'l kulħadd kif il-Kelma ta' Alla li tkun tħabbret fil-qari tal-Iskrittura tolqot lil kull wieħed, individwalment, f'dak il-ħin u f'dak il-waqt. Hemm, iva, ġranet, li fihom l-omilija jista' jkollha t-ton ta' paneġirku, jiġifieri tieħu t-ton ta' innu ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla għall-egħġubijiet li għamel għas-salvazzjoni tagħna. Hekk tista' tkun l-omilija ta' l-Għid il-Kbir, meta biha nxandru l-ferħ ta' l-Għid, *"Imxerred ma kullimkien fid-dinja"* u b'qalbna nkantaw innijiet, salmi u għana spiritwali b'radd ta' ħajr lil Alla għar-rebħa tiegħu fuq id-dnub u l-mewt, li aħna f'dak il-waqt stess inkunu qegħdin ngħixu mill-ġdid *f'misteru*.

## F'SAN ĠORĠ TA' ĦAL-QORMI

Din is-sena l-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal-Qormi Malta ċċelebrat b'festi speċjali l-250 anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Għal dawn il-festi speċjali ġie mistieden il-Wisq Reverendu Kapitlu tal-Bażilika tagħna kif ukoll il-Banda *"La Stella"*. Il-Kapitlu, immexxi minn Mons. Arċipriet mexxa l-funzjonijiet kollha ta' lejliet u nhar il-festa kif ukoll il-purċissjoni nhar il-Ħadd 28 ta' Ġunju. Il-preżenza tal-Kapitlu tagħna fil-festa ta' San Ġorġ f'Ħal-Qormi ġiet milqugħa b'ferħ kbir u bħala tifkira ta' din iż-żjara Mons. Arċipriet ġie regalat b'album kollu ritratti ta' l-okkażjoni.

Il-Banda La Stella li kienet mistiedna biex tieħu sehem fil-festi esterni għamlet marċ u programm il-Ħadd, nhar il-festa fil-għaxija. Għadd kbir ta' partitarji ngħaqdu mal-banda f'ġita organizzata għall-okkażjoni.

### MONS. GIOVANNI FRENDO

**Nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju 1981 tħabbret il-mewt ta' Mons Giovanni Frendo. Dak in-nhar ħafna tilfu ħabib, ħafna tilfu konfessur, il-parroċċa tilfet qassis ħabrieki. Għal bosta snin kien jieħu ħsieb il-festi solenni tal-Kwaranturi Mqaddsa li jsiru kull sena fil-Bażilika tagħna. Għal bosta u bosta siegħat kien ta' kuljum tarah fil-konfessjonarju. Kien bniedem li dejjem ħabb l-għaqda, dejjem ħabb lil kulħadd, dejjem lest li jisma' u jgħin. Għal bosta snin Dun Ġwann, kif kien magħruf minn kull min kien jafu, kien ukoll id-direttur spiritwali tas-Soċjetà 'La Stella'.**

**Lil ħutu u lil qrabatu l-għomor u Alla jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.**

### ADORAZZJONI KOMUNITARJU KULL L-EWWEL ERBGĦA TAX-XAHAR

**Nhar l-Erbgħa 7 ta' Ottubru ser jerġgħu jibdew is-siegħat ta' Adorazzjoni Komunitarju li jkollna kull xahar u li jieħu ħsiebhom il-Kan. Joe Mejlak. L-attendenza għal dawn is-siegħat ta' adorazzjoni kienet dejjem numeruża ħafna u nittamaw li din is-sena wkoll ikollna knisja mimlija bħas-snin li għaddew. L-Adorazzjoni tibda dejjem fis-2.00 p.m. kull l-Ewwel Erbgħa tax-xahar.**

### QUDDIESA TAT-TFAL

**Billi ħafna familji issa jirritornaw mill-vaganzi tagħhom fejn il-baħar tajjeb infakkru lill-ġenituri li kull nhar ta' Ħadd fiċ-Ċentru Parrokkjali jkollna quddiesa għat-tfal fid-9.00 a.m. F'din il-quddiesa, li matulha t-tfal ikunu taħt sorveljanza ta' diversi nies li qed jagħtu l-għajnuna u li lilhom nirringrazzjaw, it-tfal jkollhom talb speċjali, jitgħallmu jieħdu sehem attiv fil-quddiesa u jifhmu aħjar il-messaġġ tal-liturġija tal-Ħadd.**

**GĦALL — INVITI TAT — TIEĠ TIEGĦEK KIF UKOLL GĦALL KULL XORTA TA' STAMPAR IRRIKORRI GĦAND:**

**A.M. PRINTING LTD.** **103a, Triq il-Kunċizzjoni, Qala, Għawdex. Tel: 551488.**

# ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA



20.6.81 **GEORGE** *iben Carmelo Farrugia u Maria Georgia Vella.*
20.6.81 **MARIO** *iben Carmelo Farrugia u Maria Georgia Vella.*
21.6.81 **DENISE** *bint Joe Galea u Michelina Tabone.*
25.6.81 **MICHAEL** *iben Anthony Tabone u Maria Tabone.*
3.7.81 **DANIELA** *bint Anthony Sillato u Maria Vella.*
4.7.81 **ALISON** *bint Mario Cauchi u Jane Farrugia.*
10.7.81 **SHARON** *bint Dolindu Grima u Maria Buttigieg.*
25.7.81 **SYLVANA** *bint Thomas Sacco u Josephine Farrugia.*
25.7.81 **ROXANNA-TAMMY** *bint John Clark Stanley u Mary Violet Portelli.*

**MERĦBA BIHOM**

# INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI



**NIFIRĦULHOM**

24.5.81 **Antonio Caruana ma' Angela Gauci**
13.6.81 **Maria Assunta Formosa ma' Patrick James Sciberras**
20.6.81 **Emmanuela Camilleri ma' George Grech**
27.6.81 **Doris Curmi ma' Joe Schembri**
27.6.81 **Rose Spiteri ma' John Camilleri**
11.7.81 **Charlie Farrugia ma' Josephine Grima**
25.7.81 **Conċetta Attard ma' Mario Cassar**
25.7.81 **Maria Borg ma' George Portelli**

# DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ



7.5.81 **Pawlu Vella**
14.5.81 **Mons. Giovanni Frendo**
24.5.81 **Anton Said**
14.6.81 **Francesco Attard**
3.7.81 **Carmela Calleja**
14.7.81 **Lorry Galea**
22.7.81 **Carmela Sacco**

**NITOLBU GĦAR RUĦHOM**

**L-għaref jitgħallem mill-esperjenza ta' ħaddieħor, il-bniedem komuni jitgħallem mill-esperjenza tiegħu stess, l-iblaħ ma jitgħallem mill-esperjenza ta' ħadd.**

**Imberkin dawk li jafu jagħtu u jinsew, w imberkin dawk li jafu jirċievu u jiftakru.**

**Jaqbillek ferm aktar taħfer u tinsa milli tibgħod u tiftakar.**

**Meta Alla jkejjel bniedem, ikejjillu 'l qalbu u mhux lil moħħu.**

**Riċetta tal-fjask: Ipprova ogħġob lil kulħadd.**

**1882**
**IL-BANDA "LA STELLA"**
**TIĊĊELEBRA**
**EGĦLUQ IL-MITT SENA**
**TAL-FESTI ESTERNI**
**ORGANIŻŻATI MINNHA**
**1982**

*IL-QADDIS TAX-XAHAR*

**SAN KALLISTU I, PAPA U MARTRI**

(14 ta' Ottubru)

**Bħala żagħżugħ, Kallistu kien impjegat fil-qorti mperjali ta' Karpoforu li għamlu *"manager"* ta' bank fejn l-insara kienu jqiegħdu dak li jfaddlu. Tilef il-flus tal-bank, ma nafux għaliex; u biex isewwi kif jista' t-telfa, mar jieħu lura minn min kellu jagħtih. Fost dawk kien hemm xi Lhud li xlewh bħala nisrani. Il-maġistrat ta' dan it-tradiment (?) bagħtu jaħdem fil-minjieri ta' Sardinja. Wara għaxar snin ġie meħlus u mar igħammar ġo Anzio, qrib Ruma.**

**Meta San Zeferinu sar Papa (199-217), sejjaħlu Ruma, ordnah djaknu u ħatru supretendent ta' l-Amministrazzjoni temporali tal-Knisja. B'din is-setgħa hu bena ċ-ċimiterju tal-komunità nisranija ta' Ruma għal fuq it-triq Appja, fil-kripta ta' Lucina. Dan iċ-ċimiterju, bir-raġun kollu ħa l-isem taċ-Ċimiterju ta' Kallistu, għad li hu nnifsu mhux midfun fih. Kallistu sar is-segretarju l-aktar meqjum tal-Papa Zeferinu u t-tnejn flimkien iddefendew bis-sħiħ it-Tagħlim Nisrani kontra l-attakki bla waqfien ta' tagħlim qarrieqi li f'dak iż-żmien kien qiegħed jinxtered. Ta' dan huma sofrew bosta iżda l-Id tal-Mulej kienet magħhom. Wara l-mewt ta' San Zeferinu, kleru u poplu ħatru lil Kallistu bħala suċċessur. Dam ħames snin bħala Papa u f'dan iż-żmien kompla rażżan f'waqtu l-periklu ta' ereżiji li ma kienux ftit.**

**Miet taħt ir-renju ta' Alessandru severu fis-sena 222. Għad li dan is-sultan ma kienx għadu ta' l-insara, jidher probabbli li t-tradizzjoni li Kallistu miet martri hija minnha. Infatti fid-*"Deposito Martyrum"* (ta' qabel it-354) insibu mniżżel *"Il-ġurnata qabel l-Idi ta' Ottubru* (id-depożizzjoni) *ta' Kallistu fit-triq Aurelia, tliet mili mill-belt"*. Kien mela meqjum bħala martri sa mill-antik. U l-fatt li difnuh fiċ-ċimiterju ta' Kalepodju u mhux fiċ-ċimiterju ta' Kallistu mibni minnu, juri li l-martirju ġara hemm. Taħt il-Papa Ġulju I ġismu ħaduh fil-knisja ta' Santa Maria in Trastevere.**

**In-nisrani huwa moħħ li bih Kristu jaħseb, qalb li bih Kristu jħobb, leħen li bih Kristu jitkellem, id li bih Kristu jgħin.**

**SIĠĠIJIET ĠODDA FIL-BAŻILIKA**

**Kulħadd innota b'ferħ li għall-okkażżjoni tal-festa ta' din is-sena fil-Bażilika kellna siġġijiet ġodda. Iktar komdi. Iktar jixirqu. l-ispiża tagħhom ma kenitx żgħira u nixtiequ ningħaqdu ma' l-appel li għamel Mons. Arċipriet biex min jista' jgħin, ma joqgħodx lura. Aħna ċerti, li kif jidher mit-tempju tagħna, l-għajnuna tal-Ġorġjani ma naqset qatt.**

**Aħna fiduċjużi li l-għajnuna tagħkom ma tonqosx; l-anqas f'dan il-każ. — *Grazzi.***

**IL-KOPPLA TAL-BAŻILIKA**

***L-EWWEL KWADRU***



*Exivit vincens ut vinceret*

*Ħareġ rebbieħ biex jirbaħ*

Ġesù Kristu biex isalva lill-bniedem, kellu jikkumbatti u jirbaħ lid-demonju. Għalhekk il-profeti ħabbruh bħala GWERRIER REBBIEĦ.

Fl-Apokalissi deher lil San Ġwann bħala Gwerrier riekeb fuq żiemel abjad; b'arma f'idu, għax ħiereġ jikkumbatti, ċert mill-vittorja u għalhekk qed jirċievi kuruna.

Ġesù ikkumbatta u rebaħ fil-ħajja tiegħu mortali, u jkompli jikkumbatti u jirbaħ fil-knisja tiegħu matul is-sekli kollha.

Sabiex il-bniedem isalva, għandu bżonn hu wkoll jikkumbatti u jirbaħ lid-demonju, lid-dinja u lilu nnifsu. Għalhekk Ġesù jistieden lil kulħadd jimxi warajh, u jwiegħed lil kull min jirbaħ premiji kbar.

# KIF TGĦIN DIN IR-RIVISTA

- **Taqraha**
- **Tgħaddiha lil min ma għandux**
- **Tinforma lid-distributur b'xi ħadd li ma rċivihiex**
- **Tieħu parti fil-kompetizzjonijiet li ser ikollna 'l quddiem**
- **Toffri xi kontribuzzjoni, anki żgħira, għall-ispejjes tar-rivista.**
- **Tixtri mill-ħwienet u mill-oġġetti li qed jiġu reklamati.**
- **Tiktbilna u tagħtina s-suġġerimenti tiegħek biex nagħmlu din ir-rivista dejjem iktar interessanti.**

# TIFKIRA TAL-FESTA TA' SAN ĠORĠ 1981



Mgr. Mikiel Azzopardi jidher jagħmel il-Griżma tal-Morda waqt funqjoni speċjali għall-morda u l-inkapaċitati.



Il-Kan. On. Il-Maġġur Dun Ġużepp Borg jidher jippreżenta sfera lill-Arċipriet bħala rigal fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġorġ 1981.



Palm, kant u briju waqt il-glorja ta' l-innu *'A SAN GIORGIO MARTIRE'* waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni. Dan l-innu ta' Mro. G. Giardini Vella għalaq ħamsin sena mindu ndaqq l-ewwel darba fl-1931.



Mgr. Arċipriet jidher jippreżenta *'wheelchair'* lil Dun Manwel Curmi Direttur ta' l-għaqda li tieħu ħsieb l-inkapaċitati Għawdxin. Din il-preżentazzjoni saret fl-okkazzjoni tas-Sena Internazzjonali ta' l-Inkapaċitati.



Fr. David Azzopardi MSSP jidher ikanta wara li qaddes għażżgħażagħ f'funzjoni speċjali fil-Bażilika. Ħadu sehem ukoll il-kitarristi ta' Stella Maris House - Żebbuġ.



Mons. Isqof Cauchi, Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, mat-tfal taċ-ċentri tad-Duttrina li ġew ippremjati din is-sena fl-okkazzjoni tal-Festa ta' San Ġorġ.


# A.V. BARTOLI & SONS LTD.

*THE NAME FOR ALL YOUR TRAVEL AND INSURANCE REQUIREMENTS*

Air, Sea & Rail Tickets, Air Freight & Sea Freight, Shipping & Forwarding

*Insurance:*

Travel, Motor, Factories, Shops, Burglary, Fire & Personal Belongings.

***A.V. BARTOLI & SONS LTD., NEW BUILDING, REPUBLIC STR***

***VICTORIA - GOZO. TEL: 556446.***